MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 27/2017

It-Tlieta 21 ta' Ġunju 2017

Il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI:
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-Chairperson ippresjediet il-laqgħa.

### 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

27.1.1 Iċ-Chairperson qalet li s-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nri. 25/2017 u 26/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

27.2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

27.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

27.2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 27.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

27.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni.

### 27.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

27.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Membri.

### 27.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

27.5.1 Il-Kumitat unanimament qabel illi:

- Isir *double yellow line* mal-ħajt li ttella' dan l-aħħar fi Triq il-Qbajjar ma ta' Trieste sal-*bus stop* eżistenti. Għandha ssir talba lil Transport Malta;

- Jerġgħu jsiru d-*double yellow lines* li tgħattew minn persuni mhux magħrufa fi Triq Daħlet l-Għerejjex;
- Jiġi nfurmat l-Ministeru għal Għawdex bil-periklu li jeżisti meta nqala' l-apparat tal-logħob u tħallew xi viti mwaħħla fl-art;
- Jinżebgħu l-imwejjed u l-bankijiet ta' quddiem l-għassa mill-ħaddiema tal-Beaches;
- Tintbagħat *reminder* għall-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex.

Ilment nru. KAM 07/2017 – L Tabone

27.5.2 Biex Triq ix-Xagħra titranġa u ssir bit-tarmak peress li meta tagħmel ix-xita u jgħaddu l-karozzi l-ilma jtir għall-bibien tad-djar. Intqal illi l-Gvern Ċentrali hu responsabbli minn din it-triq.

Ilment nru. KAM 08/2017 – F Pace

27.5.3 Talbet biex terġa ssir il-bankina quddiem il-proprjeta 12 fi Triq Ulisse peress li nkistret bi trakk li kien qed jaħdem fl-istess triq. Iċ-Chairperson ser tiċċekkja x'hemm bżonn isir.

Ilment nru. KAM 09/2017 – G Venturini

27.5.4 Talab sabiex meta jkun hemm xogħlijiet li jkunu jinvolvu krejn jew vetturi oħra kbar ħdejn il-ħwienet is-sidien jiġu avżati minn jumejn qabel. Intqal illi mhix prassi tal-Kunsill li jsir dan iżda fejn hu possibbli jiġu avżati minn qabel.

Ilment nru. KAM 10/2017 – M Vella

27.5.5 Ilmentat li hemm bżonn li jkun hemm aktar dawl fil-*promenade* tal-Qbajjar. Il-bozoz huma maħruqin u ilhom rrapurtati ħafna lill-kuntrattur.

27.5.6 Ilment nru. KAM 11/2017 – J Galea

Ilmenta li qed inixxi l-ilma minn ġo Triq ix-Xtut għal ġol-garaxx tiegħu. Huwa talab sabiex issir trinka. Il-Kunsill qabel illi nkellmu lil Perit tal-Kunsill dwar din il-materja.

27.5.7 Ilment nru. KAM 12/2017 – M Grech

Talbet biex titwessa l-bankina ta' 64, Dar Għar Qawqla fi Triq Għar Qawqla. Il-Kumitat qabel illi ċ-Chairperson tmur fuq il-post u tiċċekkja eżattament x'inhu l-bżonn.

27.5.8 Ilment nru. KAM 13/2017 – N Debono
Biex jitranġa t-taraġ li jagħti għall-Knisja peress li għandu x-xfar imtajrin u faċilment wieħed jitfixkel u jaqa'. Il-membru S Grech issuġġeriet illi dan it-taraġ isir bil-mużajk bħal ma sar fil-lokalita t'Għajnsielem. Il-Kumitat qabel ma' dan is-suġġeriment.

27.5.9 Ilment nru. KAM 14/2017 – M Vella
Talbet sabiex it-taraġ li hemm fi Triq Barda u jagħti għal Triq Santa Marija jkun aċċessibbli għal persuni b'diżabilita. Il-Kumitat qabel illi dan mhux possibbli li jsir.

27.5.10 Ilment nru. KAM 15/2017 – J T Chojnacki
Talab għal *loading/unloading bay* fi Triq il-Forn quddiem il-ħanut tad-*diving* tiegħu. Ma jistax isir peress li saret bankina wiesa quddiem il-ħanut.

27.5.11 Ilment nru. KAM 16/2017 – A Spiteri
Talab sabiex jitneħħa l-i*skip* minn Triq ir-Rabat. Saret diskussjoni dwar it-tneħħija tal-i*skips* pero ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni.

27.5.12 Korrispondenza mingħand is-Sur John Cefai sabiex jopera attivita ta' kiri ta' *canoes* u *water sports equipment* mill-bajja ta' Marsalforn. Il-Kumitat ma sab l-ebda oġġezzjoni.

27.5.13 Is-Sur Paul Azzopardi kiteb lill-Kumitat dwar l-ostakolu li qed isib minħabba r-*railing* li jiġi faċċata tal-garaxx biex joħorġu l-vetturi. Il-Kumitat qabel illi l-ħaddiema tal-Kunsill ikabbru t-toqob tal-*poles* tar-*railing* sabiex ikun jista jinqala sakemm joħorġu l-vetturi.

27.5.14 Ilment mingħand N Parker sabiex jiġi estiż *double yellow line* quddiem il-proprjeta ta' M Grech 63, Triq Għar Qawqla. Din it-talba saret sabiex ikun hemm aċċess aħjar għall-proprjeta tagħha minħabba pparkjar mal-bankina. Il-Kumitat qabel illi ċ-Chairperson tmur personalment fil-post u tiċċekkja eżatt x'inhi l-problema.

27.5.15 Is-Sur G Galea li joqgħod High Seas fi Triq Santa Marija talab sabiex isir *double yellow line* quddiem il-bieb principali tal-blokk tal-appartamenti peress li qed ikun impossibli li jidħlu/joħorġu meta jkun hemm vetturi pparkjati. Il-Kumitat ma qabilx għar-raġuni li jeżisti nuqqas kbir ta'

*parking*.

27.5.16 M Homoki talbet permess sabiex tkun tista topera *b'bouncy castle* quddiem il-Mellows Bar bejn it-30 ta' Ġunju u t-3 ta' Settembru 2017. Il-Kumitat approva li jingħata dan il-permess.

27.5.17 Iċ-Chairperson qalet illi hemm bżonn illi l-vultaġġ tat-tlett bozoz li hemm fi Triq il-Wied jikber peress li hemm nuqqas ta' dawl. Għandha ssir talba lill-kuntrattur dwar dan.

27.5.18 Il-membru S Grech irrimarkat illi l-parkeġġ għal *taxi* fi Triq il-Port qeda t'ostaklu. Intqal illi normalment qatt ma jsiru parkeġġi simili quddiem id-djar.

27.5.19 Transport Malta kitbet lill-Kumitat dwar permess temporanju għall-persuni b'diżabilita fi Triq is-Sajjied. Il-Kumitat qabel unanimament.

27.5.20 Iċ-Chairperson ippreżentat il-kont tal-ikla tal-Milied li saret fl-*Odyssey Restaurant*. Attendew iċ-Chairperson flimkien nal-membri Frank Fenech u Simon Salomone Reynaud.

27.5.21 Dwar il-monument tal-gwerra nġabru żewġ kwotazzjonijiet:

- Axiak Bros. Stone Decorators Ltd. - €3368.90;
- F. Ellis (marble works) ltd. - €5,300 mingħajr vat.

Il-Kumitat qabel illi nkellmu lill-Perit Mariella tal-Ministeru dwar dawn il-kwotazzjonijiet.

27.5.22 Dwar Triq Għar Qawqla kemm il-Korporazzjoni EneMalta kif ukoll l-ARMS wieġbu. L-EneMalta m'għandhiex ippjanat xogħol f'din it-triq filwaqt li l-ARMS infurmat lill-Kunsill illi hemm bżonn jinbidel il-*main* tal-ilma kif ukoll dak tad-drenaġġ. Intqal illi ser ikun hemm ħafna spejjez, għaldaqstant għanda ssir diskussjoni fit-tul dwar dan.

27.5.23 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat illi l-bankijiet ordnati waslu u staqsiet fejn iridu jitpoġġew eżatt fi Triq il-Wied. Iċ-Chairperson offriet li tmur mal-kuntrattur sabiex tindikalu l-post eżatt.

27.5.24 Korrispondenza mingħand id-Deputat Kummissarju dwar attivita li ser issir nhar il-Ħamis 13 ta' Lulju fil-Menqa bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-203 anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija.

Il-Kumitat ma sab l-ebda oġġezzjoni.

## 27.6 Mozzjonijiet

27.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 27.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

27.7.1 Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 25 ta' Lulju 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' Lulju 2017.

<u>Iffirmati</u>
Marija Saliba
Chairperson

<u>Iffirmati</u>
Josianne Cassar
Deputat Segretarju Eżekuttiv